MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2003

**HSBC BANK MALTA p.l.c., rappreżentata mill-Prokuratur Legali Adrian Borġ li jidher ukoll f'ismu proprju**

**vs**

**REĠISTRATUR TAL-QRATI U DIRETTUR ĠENERALI; Dottor Anthony H. Farruġia bħala Kuratur speċjali tal-minuri Fabienne u Rowan aħwa Carbone, kif ukoll personalment għal kull interess li jista' jkollu; Vernie Carbone għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetajiet Everest Contractors Limited, F & R Holdings Limited, The Orangery Limited, u Overseas Trading Company Limited; Agostino *sive* Winston Carbone; Avukat Dottor Anthony P. Farruġia; Avukat Dottor Christian J. Farruġia; Avukat Dottor Joseph Żammit Maempel; Avukat Dottor Joseph Caruana Scicluna; Avukat Dottor Giovanni Bonello; Prokuratur Legali Edgar Montanaro**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-20 ta' Settembru, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ir-rikorrenti talbu illi l-Qorti tħassar it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji maħruġa mill-intimat Reġistratur tal-Qrati u Direttur Ġenerali fl-atti tal-kawża numru 82/90 fl-ismijiet "*Dottor Anthony H. Farruġia noe vs Vernie Carbone et*" maqtugħa mill-Qorti tal-Appell, imma limitatament għat-taxxa maħduma fl-istadju tal-Appell, u biex tordna lill-istess intimat biex joħroġ taxxa ġdida dwar l-imsemmija kawża limitatament għall-istadju tal-appell maħduma u intaxxata fuq bażi ta' punt ta' liġi b'konsiderazzjoni biss ta' xogħol u responsabbilta' mingħajr drittijiet *ad valorem*;

Rat it-tweġiba mressqa fil-5 ta' Diċembru, 2001, li biha l-intimat Avukat Joseph Żammit Maempel irrimetta ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti dwar it-talba tar-rikorrenti;

Rat it-tweġiba mressqa fit-18 ta' Diċembru, 2001, li biha l-intimat Reġistratur tal-Qrati eċċepixxa li t-tassazzjoni kienet saret sewwa, li r-rikorrenti messhom fittxew arranġament mistħoqq miegħu qabel mexxew kontrih b'dan ir-rikors, u li huwa joqgħod għal dak li l-Qorti jogħġobha tiddeċiedi dwar it-talba tagħhom;

Rat in-Nota mressqa fit-8 ta' Mejju, 2002, li biha r-rikorrenti ċedew l-atti tar-Rikors fil-konfront tal-intimat Dottor Giovanni Bonello;

Rat illi l-intimati l-oħrajn, għalkemm notifikati kif imiss, baqgħu ma ressqu l-ebda tweġiba għat-talbiet rikorrenti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-Degrieti tagħha tat-8 ta' Mejju, 2002, tas-27 ta' Settembru, 2002, tas-16 ta' Jannar, 2003, u tat-8 ta' Mejju, 2003,li bihom ħalliet ir-Rikors għall-provvediment dwar it-talbiet rikorrenti;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ritassa skond ma jipprovdi l-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu li titħassar it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji (imma biss fl-istanza tal-appell tagħha) ta' kawża fejn l-intimat Reġistratur tal-Qrati intaxxa d-drittijiet tar-Reġistru u dawk tal-avukati tal-partijiet fl-istadju tal-appell fuq bażi "*ad valorem*", meta d-drittijiet tar-Reġistru u tal-avukati fl-ewwel istanza kienu intaxxati fuq il-bażi ta' punt ta' liġi;

Illi jkun xieraq li jissemmew xi fatti ewlenin li jsawru l-każ, biex wieħed ikun jista' jiddetermina s-siwi tat-talba tar-rikorrenti. Il-kawża li dwarha nħarġet it-Taxxa impunjata kienet tressqet fil-Qorti tal-Kummerċ kontra l-Bank illum rikorrent u kontra imħarrkin oħrajn f'Jannar tal-1990[1]. Dik il-kawża kienet infetħet biex titlob dikjarazzjoni li għadd ta' kuntratti ta' għoti ta' faċilitajiet bankarji li kienu saru bejn il-Bank u xi kumpanniji li l-atturi kienu azzjonisti fihom jiġu dikjarati nulli. Dik il-kawża infetħet b'rejazzjoni għal erba' (4) kawżi mibdija mill-Bank (wieħed mir-rikorrenti tal-lum) kontra kull waħda mill-imsemmija kumpanniji biex jintalab il-ħlas lura tal-flus. Il-kawża kienet maqtugħa mill-Qorti tal-Kummerċ fil-11 ta' Novembru, 1994, biċ-ċaħda tat-talbiet attriċi u bl-ispejjeż kontra l-atturi. Sar appell minn dik is-sentenza, u l-Onorabbli Qorti tal-Appell tat is-sentenza tagħha fit-30 ta' Mejju, 2001, billi ċaħdet l-appell tal-atturi;

Illi l-parti dispożittiva tal-imsemmija sentenza tgħid hekk: "*L-appell huwa respint u, minkejja illi forsi fuq motivazzjonijiet differenti, s-sentenza appellata hija konfermata. L-ispejjeż tal-prim'istanza huma kif deċiżi. Dawk tal-appell inveċe jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet mhux biss in vista tal-punti ta' dritt involuti ta' ċerta komplessita' iżda wkoll peress illi b'aktar diliġenza da parti tal-Bank attur* ġsic.ħ *dawn il-kawżi setgħu jiġu evitati*." Kemm hu hekk, għandu jingħad li l-ebda biċċa minn dik is-

[1] Ċitazz. Nru. 82/90AM

sentenza twila u studjata ma ssemmi mqar xi ammont ta' flus, imma matulha jsiru biss osservazzjonijiet ta' natura dottrinali u legali;

Illi l-kawżi li l-Bank beda kontra l-imsemmija kumpanniji nqatgħu kollha fl-istess jum li fih inqatgħet is-sentenza msemmija. Dwar l-imsemmija kawżi, l-intimat Reġistratur tal-Qrati ħareġ taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji relattiva *ad valorem*;

Illi huwa stabilit li t-tassazzjoni tad-drittijiet ġudizzjarji hija mħarsa mill-prinċipju li wieħed iħares lejn it-talba li tkun saret jew mis-sentenza li tkun ingħatat meta s-somma m'hijiex determinabbli mit-talba. Bil-kelma "talba" wieħed jifhem il-qofol tal-kwestjoni mqanqla bil-proċess ġudizzjarju, u mhux sempliċement it-talba kif formulata fl-att promotur tal-azzjoni. Tali prinċipju m'huwiex wieħed inflessibbli għaliex huwa kwalifikat bil-prinċipju li t-tassazzjoni tista' tinstilet minn dak li f'kawża jissejjaħ "*il complesso del tema contenzioso*" minn fejn wieħed jista' jsib xi jkun tassew il-valur tal-kontestazzjoni[2];

Illi mill-prattika li ilha mwaqqfa għal żmien twil, t-tassazzjoni "*ad valorem*" hija ibbażata fuq talbiet li jwasslu għall-passaġġ ta' flus jew fondi jew għat-trasferiment ta' proprjeta' jew jeddijiet marbutin ma' dan[3]. Meta kawża ma taqax f'kategorija bħal dawn li għadhom kemm issemmew, it-tassazzjoni ġeneralment issir a bażi ta' dikjarazzjoni;

Illi f'dan il-każ huwa minnu li l-ebda ammont jew somma ma jintalbu fl-att taċ-Ċitazzjoni. L-ebda valur ma jidher mid-dikjarazzjoni maħlufa mehmuża magħha. Huwa minnu wkoll li bħala prinċipju stabilit, il-valur ta' kawża jitqies fuq it-talbiet u mhux fuq l-interess effettiv tal-atturi[4], għalkemm l-interess ġuridiku ta' parti f'kawża huwa

---

[2] P.A. **24.7.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef et vs Micallef et*** (Kollez. Vol: XXXII**.ii.424**)
[3] Ara, per eżempju, P.A. **22.2.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ Grech et vs Buhaġiar noe et*** (Kollez. Vol: **LI.ii.811**)
[4] Ara App. Ċiv. **7.10.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul Bonniċi vs Buhaġiar noe et*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.243**)

x'aktarx determinanti biex wieħed jasal biex jistabilixxi t-taxxa tkunx "*ad valorem*" jew dikjarazzjoni[5];

Illi ta' min jgħid ukoll li t-Tariffa li tiggwida l-likwidazzjoni ta' dritt dovut lil avukat f'kawża li fiha tkun ingħatat deċiżjoni dwar punt ta' dritt jew ta' fatt, tgħid li dik id-deċiżjoni tiġi intaxxata *ad valorem* jekk kemm-il darba "jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-liġi **jew mill-proċess**" [6](enfasi tal-Qorti). Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser ukoll li l-valoriżżazzjoni tal-azzjoni tista' ssir mhux biss mill-att promotur, imma minn kull tagħrif jew prova li tinsab fl-atti;

Illi minbarra dan, ġie deċiż li f'każ fejn kawża tirrigwarda t-tħassir ta' kuntratt minħabba xi ċirkostanza li ġġibu ma jiswiex jew minħabba xi ċirkostanza fejn, għalkemm il-kuntratt jiswa, jista' jitħassar (kawżali ta' rexissjoni) wieħed irid iħares lejn il-persuna li tressaq il-kawża: b'dan illi jekk l-azzjoni ssir minn wieħed mill-partijiet li deher fuq il-kuntratt, it-tassazzjoni bħala regola ssir "*ad valorem*", filwaqt li fejn l-azzjoni għat-tħassir jew nullita' ssir minn terza persuna li jkollha interess, it-tassazzjoni ssir bħala sempliċi "artikolu" jew dikjarazzjoni[7];

Illi f'dan il-każ ir-rikorrenti wrew ukoll li għandhom interess ġuridiku attwali li jressqu din l-istanza, u dan għaliex għalkemm il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell tal-parti l-oħra u ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti, waħħlet lill-Bank rikorrent nofs l-ispejjeż tal-istadju tal-appell. Huwa għalhekk li r-rikorrenti qegħdin jitolbu wkoll it-tħassir tat-taxxa f'dak l-istadju, billi huma m'għandhom xejn x'jilmentaw mill-intaxxar sal-livell tal-ewwel istanza (fejn l-ispejjeż kellhom ibatuhom l-atturi);

Illi meta wieħed iqis il-prinċipji hawn fuq imfissrin u japplikahom għall-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, wieħed għandu jasal għall-fehma li l-ilment tar-rikorrenti dwar it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji huma mistħoqqa. Dan

---

[5] P.A. **20.6.1963** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri et vs Buhaġiar noe et*** (Kollez. Vol: **XLVII.ii.880**)
[6] Par. 14, Tariffa "E" tal-Ewwel Skeda tal-Kap 12
[7] App. Ċiv. **15.3.1948** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri et vs Vella noe*** (Kollez.Vol: **XXXIII.i.235**)

jingħad kemm għaliex l-ebda parti mill-vertenza studjata jew eżaminata fl-imsemmija kawża ma kienet tirrigwarda l-passaġġ ta' flus jew trasferiment ta' ġid immobbli. Jingħad ukoll għaliex l-azzjoni promotriċi dwar in-nullita' tal-kuntratti nbdiet minn terzi (l-atturi aħwa Carbone) li ma kinux kontraenti. U, fuq kollox, jingħad hekk ukoll għal raġunijiet ta' konsistenza, billi ma jistax jinftiehem kif l-intimat Reġistratur tal-Qrati intaxxa d-drittijiet tal-ewwel istanza a bażi ta' dikjarazzjoni, u mbagħad bidel il-bixra fl-istadju tal-appell għal waħda *ad valorem*. Fl-istadju tal-appell, il-qofol tal-kontenzjoni ma nbidel xejn minn dak li kien il-punt ewlieni dibattut mill-Qorti tal-Ewwel Grad;

Illi dwar dan l-intimat Reġistratur tal-Qrati ma ressaq l-ebda argument siewi u ma jidhirx ta lill-Qorti xi raġuni siewja biex tqis li kien hemm xi ċirkostanza partikolari li tiġġustifika bidla fil-kriterju ta' tassazzjoni bejn l-istadju tal-prim'istanza u dak tal-appell f'dan il-każ;

Illi, mbagħad, għar-rigward tat-tieni eċċezzjoni mqanqla mill-intimat Reġistratur tal-Qrati, il-Qorti tasal biex tgħid li din l-eċċezzjoni ma tiswiex. Fl-ewwel lok, l-atteġġament tal-imsemmi intimat huwa muri fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, liema atteġġament jagħmilha ħaġa ċara li ma kien jiswa xejn lir-rikorrent li jressaq l-ilment tiegħu bonarjament, ladarba l-intimat huwa determinat li t-taxxa hija maħduma kif imiss. Fit-tieni lok, jekk wieħed iqis iż-żmien tassew qasir mogħti mil-liġi lil min irid jikkontesta taxxa ta' spejjeż ġudizzjarji, wieħed malajr jintebah li t-tressiq tar-rikors huwa proċedura ta' ċerta urġenza li ma tippermettix it-teħid ta' ħafna żmien f'diskussjonijiet biex tiġi aġġustata taxxa diġa' maħruġa u ċirkolata. Fit-tielet lok, hija biss bis-saħħa tal-proċedura preżenti li taxxa maħruġa mill-intimat tista', b'ordni tal-Qorti, tiġi mħassra u l-kriterji tar-ritassa stabiliti: ma jidhirx li huwa għaqli u rakkomandat li jingħad li r-Reġistratur tal-Qrati, ladarba jkun ħareġ taxxa ta' spejjeż ġudizzjarji, għandu "jinnegozja" ma' xi parti dwar il-valur tal-kawża jew aspetti oħra relatati. Il-kriterji li għandhom imexxu lir-Reġistratur fit-tfassil u l-ħruġ ta' taxxa huma dawk stabliti fil-liġi u mhux dawk li l-partijiet iħossuhom komdi bihom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti** u tiddikjara li t-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji relattivament għall-istadju tal-appell fil-kawża fl-ismijiet "*Dottor Anthony H. Farruġia nomine vs Vernie Carbone nomine et*" (Ċitazz. Nru. 82/90) maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2001, m'hijiex maħduma kif imiss u għalhekk u qegħda tħassarha;

**Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti** u tordna lill-intimat Reġistratur tal-Qrati sabiex joħroġ taxxa ġdida ta' spejjeż ġudizzjarji dwar l-imsemmija kawża fl-istadju tal-appell maħduma fuq bażi ta' punt ta' dritt b'qies biss tax-xogħol u r-responsabbilta' involuti; u

**Taqta'** li l-ispejjeż in konnessjoni ma' din il-kwestjoni jitħallsu mill-intimat Reġistratur tal-Qrati, għajr għal dawk tal-intimati l-oħrajn.

**Moqri**

-------------------------------TMIEM-------------------------------